**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 18 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Guramentat Nru: 723/15MH**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Dr Cedric Mifsud u PL Peter Sammut mahtura kuraturi deputati permezz ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Gunju, 2014, biex jirrapprezentaw l-interessi ta' Daniel u Samantha (konjugi) Jenkins, rispettivament b'passaport Brittaniku numru 704647773 u passaport Irlandiz numru PA1674126, u dan wara rikors prezentat minn Banif Bank (Malta) plc fl-atti t'ittra ufficjali numru 1328/2014 prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti minn Banif Bank (Malta) plc kontra Daniel u Samantha (konjugi) Jenkins**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn gie premess illi:

***"Tesponi bir-rispett u Vanessa Bugeja K.I. numru 85972(M), ghan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti u li tafhom personalment:***

***1. Illi l-kumpnanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;***

***2.*** ***Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija attrici u hadu minn ghandha self biex jiffinanzjaw l-akkwist tar-residenza taghhom;***

***3.*** ***Illi dan is-self, koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 9 ta' Novembru 2009 (ara Dok 'A') u kuntratt datat 28 ta' Dicembru 2009 maghmul fl-atti tan-Nutar Andre Farrugia (ara Dok. 'B), kien jikkonsisti fis-segwenti:***

***i.*** ***Home Loan (i) ta' mija, tmienja u disghin elf Euro (€198,000), u***
***ii.*** ***Home Loan (ii) ta' hamest elef, tmien mija u hamsin Euro (€5,850);***

***4.*** ***Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dan is-self u l-bilanc dovut minnhom fuq dawn il-facilitajiet hu kif gej:***

***i.*** ***mitejn u tnejn u tletin elf, sitt mija u hdax-il-Euro u sebgha centezmi (€232,611.07), dovuti fuq Home Loan (1) fuq imsemmiha, senjatament Account numru 59188.71.002, li sal 21 ta' Lulju 2015, kienu jinkludu mghaxijiet ta' elf, mija u tletin Euro u disgha u erbghin centezmu (€1.130.49)(ara statement bankarja markat Dok. 'C');***

***ii.*** ***sitt elef mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€6,756.77), dovuti fuq Home Loan (ii) fuq imsemmiha, senjatament Account numru 59188.71.002 u li sal-21 ta' Lulju 2015 kienu jinkludu mghaxijiet ta' tletin Euro u hamsa u tletin centezmu (€30.35) (ara statement bankarja markat Dok 'D');***

***5.*** ***Illi relatati mas-self fuq imsemmi, hemm dovuti hamest elef, tmien mija u erbgha u erbghin Euro u hamsin centezmu (€5,844.50) fi spejjez, u li sal-21 ta' Lulju 2015, kienu jinkludu tlieta u tletin Euro u disghin centezmu (€33.90) f'imghaxijiet (ara Dok 'E'). Dan l-ammont jinsab dovut fuq Current Account numru 59188.10.001, li l-konvenuti ghandhom mal-kumpanija attrici (ara Dok 'F');***

***6.*** ***Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpanija attrici sal-21 ta' Lulju 2015, kien ta' mitejn u hamsa u erbghin elf u mitejn u tnax il-Euro, u erbgha u tletin centezmu (€245,212.34);***

***7.*** ***Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici;***

***i.*** ***Kwantu l-Home Loans kollha fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreement imsemmi aktar 'fuq f'din il-kawza, u dan ghax kif stipulat l-Artikolu 11(q), sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmi f'dan il-Credit Agreement , partikolarment, izda mhux esklussivament:***

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regarding the Facility,*
*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facilty",*

*iii. Kwantu l-Current account, ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'G') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'H'_ marbuta mal-istess Current Account;*

*8. Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti kollha diversi drabi biex ihallusha d-dejn, fosthom permezz ta' ittra legali datata 16 t'April 2012 (Dok. 'I') u ittra ufficjali numru 1328/2014 datata 28 t'April 2014 (ara Dok 'J'), izda dawn baqghu inadempjenti. L-ittra ufficjali giet notifikata lill-kuraturi fuq imsemmija, wara li dawn gew hekk mahtura mill-Qorti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

*10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjersti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' €245,212.34; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiva ta' €245,212.34;*

*Bl-ispejjes, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Lulju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

***Il-Bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreement msemmi f'din il-kawza, t-Tariff of Charges relattivi ghall-Home Loans (ara Dok 'K') u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current (ara Dok. 'L'), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti kollha appena l-konvenuti hadu l-facilitajiet bankarji minghand il-kumpanija attrici.***

***L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:***

***1. Sitta punt sebgha hamsa fil-mija (6.75%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Accounts numri 59188.71.001 u 59188.71.002 imsemmijin aktar 'l fuq (ara Artikoli 7 u 11 (u) fuq Dok. 'A'), u***

***2. Ghaxra fil-mija (10.00%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 59188.10.001 imsemmi aktar 'l-fuq (ara marker bl-orangion fuq Dok 'L').***

***Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti".***

Rat in-nota ta' l-ewwell eccezzjoni prezentata mill-kuraturi wara li l-konvenuti inghataw il-fakulta ta' l-eccezjonijiet, fejn eccepew illi:

***"Jesponi bir-rispett:***

***Illi l-kuraturi gew notifikati bl-atti tal-kawza hawn fuq citati u ghamlu tentattiv sabiex jikkuntattjaw lill-intimati, pero sal-lum dan it-tentattiv ghad ma kellux ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti bil-fatti tal-kaz.***

***Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxilhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri".***

Rat illi meta ssejhet il-kawza Dr. Cedric Mifsud ukoll informa lill-Qorti illi ghamel diversi attentati biex jikkomunika mall-konvenuti pero bla success.

Rat ghalhekk li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut iddikjaraw li ma kellhom l-ebda provi x'iressqu.

Ghalhekk il-Qorti giet mistiedna verbalment biex tghaddi ghas-sentenza.

In kwantu hekk il-Qorti qeghda tilqa' it-Talbiet kif dedotti b'dana illi tiddikjara lil konvenuti debituri tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' €245,212.34, u

ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici fl-ammont imsemmi.

Bl-ispejjez legali kollha nkorsi, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Lulju 2015, liema imghaxijiet huma kkomputati bir-rata ta' sitta punt seba' hamsa fil-mija (6.75%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Accounts numru 59188.71.001 u 59188.71.002 u ghaxar fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq current account 59188.10.001.

Onor. Dr. Miriam Hayman

Imhallef

John Muscat

Deputat Registratur